Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 75

Data tal-laqgħa: 25 ta' Marzu 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Andrè Grech – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa.

## 75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

75.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

75.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 74. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

75.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier SG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati.

## 75.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

75.3.1 Para 74.3.1.2 – Dawl dekorattiv
Dwar id-dawl mal-arbli tal-bnadar tal-pjazza, l-*electrician* issuġġerixxa tip ta' dawl li jeħel ma' fuq tal-arbli u jwaddab dawl l'isfel. Dan id-dawl jaħdem bis-sistema solari. Il-Kunsill qabel li nippruvaw ninstallaw dan id-dawl fuq l-arblu ta' quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill, u jekk jiġi tajjeb, nagħmlu t-tliet (3) arbli tal-pjazza.

75.3.2 Para 74.3.2 – *Residential Parking Scheme*
L-AKL infurmaw li saret laqgħa mal-Ministru l-ġdid u għadhom qed jistennew direzzjoni dwar din l-iskema.

75.3.3 Para 74.10.2 – Talba biex terġa' teħel il-bozza (issa fuq arblu) fi Triq il-Karenza k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima
Is-SE infurmat li l-avukat tal-Kunsill se jiċċekkja dwar ir-regolamenti li hawn f'dan ir-rigward biex ikun f'pożizzjoni jagħti parir dwar kif nistgħu nipproċedu.

75.3.4 Para 74.10.5 – Sessjonijiet taż-Zumba
Għalliema taż-zumba ikkonfermat li s-sessjonijiet jistgħu jibdew minn Mejju u jsiru darba fil-ġimgħa, nhar ta' Erbgħa fis-6.30pm fil-*playing field*. L-ispiża hija ta' €30 għal kull sessjoni u se jsiru 5 sessjonijiet. Il-Kunsill qabel li joffri dawn is-sessjonijiet lir-residenti, mingħajr ħlas.

75.3.5 Para 74.10.6 - Rifużjoni tad-depożitu għall-ħsara li tista' ssir lit-triq / bankina waqt xogħlijiet
Dwar is-7 depożiti li rnexxilniex nagħmlu kuntatt mas-sidien peress lid-dettalji li għandna m'għadhomx validi, l-avukat ta l-parir li niddepożitawhom il-qorti, bl-ispejjeż tal-qorti jitnaqqsu mill-ammont tad-depożitu. Il-Kunsill qabel li nipproċedu skond il-parir tal-avukat.

75.3.6 Para 74.7.2 - Ċirkulari Nru SPI/SCI/01/2024 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2024 / 2025
Fuq l-applikazzjoni sottomessa, is-SE infurmat li għadna qed nistennew risposta.

75.3.7 Para 74.7.2 - Skema Finanzjarja LESA – Proġetti fil-Komunitajiet 2024
Is-SE infurmat li għadna qed nistennew risposta fuq l-applikazzjoni sottomessa għal din l-iskema.

75.3.8 Para 74.10.3 - Talba biex issir *zebra crossing* fi Triq il-Kbira
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni għal *zebra crossing* ġiet sottomessa u qed nistennew l-approvazzjoni minn TM.

75.3.9 Para 74. 10.4 - Talba għal *un/loading bay* f'Wied Ħal Balzan
Is-SE infurmat li l-applikazzjoni għal U*n/loading bay* ġiet sottomessa u qed nistennew l-approvazzjoni minn TM.

75.3.10 Para 74.10.10 - Proposta minn TM - Vjal De Paule
Is-SE infurmat li għadna qed nistennew il-pjanti minn TM tal-proposta għal *roundabout* fi Vjal De Paule.

## 75.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

75.4.1.1 Triq il-Kbira

Is-Sindku infurma li flimkien mas-SE kellhom laqgħa ma' rappreżentant mill-MTIP u IM dwar ix-xogħlijiet proposti għal Triq il-Kbira. F'din il-laqgħa ġejna nfurmati li bil-problemi kollha li sabu fit-toroq l-oħra li qed isiru fil-lokalità, l-allokazzjoni għal Ħal Balzan intuża kollu, u għalhekk ser joħorġu sejħa ġdida għall-offerti għal Triq il-Kbira. Ix-xogħol ser jinkludi l-proposta tal-i*Storm Water System* sistema ġdida tad-drenaġġ.

75.4.1.2 Ix-xogħol qed jiġi ppjanat li jibda wara l-festa tar-raħal u se jkunu qed jibdew mill-parti t'isfel ta' Triq il-Kbira. Ġejna infurmati li biex isir ix-xogħol propost, hemm bżonn li tintmess il-pjazza. Il-Kunsill ovvjament jixtieq li l-pjazza tibqa' bil-pavimentar. Ġejna infurmati li la darba l-pjazza terġa' ssir, il-Kunsill irid jikkommetti li jidħol f'*maintenance agreement* ma' IM tal-parti li mhux ser tkun bl-asfalt.

**F'dan il-ħin (4.17pm) daħal il-Kunsillier AG għal-laqgħa.**

75.4.1.3 Is-Sindku spjega li IM infurmawna li huma jkopru sal-livell tal-asfalt u jekk il-Kunsill irid li jerġa' jsir xi tip ta' pavimentar, dan għandu jsir għas-spejjeż tal-Kunsill. Se ssir laqgħa b'urġenza mal-Perit tal-Kunsill biex niddiskutu l-pass li jmiss.

75.4.2.1 PC0007/24 - *Proposed changes to building alignment and formation of new pedestrian road*

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill applikazzjoni li tirrelata l-ex-Dolphin Centre. L-iżviluppatur qed iressaq din l-applikazzjoni, wara li kien revoka mill-EPRT tal-permess PA/08693/20, biex jitressaq *layout* differenti mal-PA billi tifforma triq għal *pedestrians* ġewwa s-sit. Tlabna lill-Perit tal-Kunsill biex jipprovdilna aktar informazzjoni fuq din l-applikazzjoni.

75.4.2.2 Il-Perit infurma li għalissa għad m'hemm l-ebda dettalji dwar il-bini li se jkun qed jiġi propost u għalhekk ta l-parir li l-Kunsill jirreġistra l-oġġezzjoni tiegħu mal-PA. Il-Kunsill approva.

75.4.3 Talba għal *MC Bay* fi Triq il-Kannizzata

Is-Sindku infurma li resident ilmenta li qed jostakolawlu l-aċċess tal-garaxx peress li qed jipparkjaw bejn 2 garaxxijiet. Il-Kunsill qabel li minflok kaxxa safra, jsir 1m dyl mal-ġenb tal-garaxxijiet u fl-ispazju li jibqa' isir *MC Bay*.

## 75.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

75.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 75.6 Rapporti

75.6.1.1 *Tender for the Supply of a new electric powered passenger vehicle* – BLC 01/2024

Is-SE infurmat lis-sejħa għall-offerti għalqet il-Ġimgħa 15 ta' Marzu 2024 u ma kien hemm l-ebda offerta. Is-SE infurmat li parti vettura mixtrija ser tkun iffinanzjata permezz ta' Skema SPI/SCI/9/2022 maħruġa mid-DGL. Is-SE spjegat li l-Kunsill jitlef il-fondi marbuta ma' din l-iskema jekk ma jintużawx sal-aħħar ta' Ġunju 2024.

75.6.1.2 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni mingħand Motors Inc. Limited għal vettura elettrika, Kia Niro li tammonta għal €36,895.01 (VAT eskluż). Din il-vettura għandha l-ispeċifikazzjonijiet kollha mitluba fis-sejħa għall-offerti u hija disponibbli immedjatament. Il-Kunsill iddiskuta u approva li nitolbu l-permess biex din il-vettura tinxtara permezz ta' *Direct Order* biex b'hekk ma nitilfux il-fondi mill-iskema.

75.6.2.1 Rapport Amministrattiv għas-sena 2023

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2023, li jinkludi r-Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

75.6.2.2 Fuq proposta tal-Kunsillier SG, li kien issekondat mill-Kunsillier AG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 75.7 Attivitajiet Kulturali

75.7.1 Is-Sindku ta lista tal-iskemi disponibbli mir-Reġjun Tramuntana għal din is-sena.

75.7.2.1 Skema Finanzjarja għall-Proġetti ta' Kulturali u Artistiċi

Ir-Reġjun qed jalloka s-somma ta' €20K għall-proġetti Kulturali u artistiċi fil-lokalità, li jridu jiġu utilizzati sat-30 ta' Novembru 2024.

75.7.2.2 Il-Kunsill iddiskuta u approva li jalloka:

- €10,000 għal Jum Ħal Balzan 2024;
- €4,000 biex tittella' wirja tal-arti (se jkun qed jaħdem fuqha l-Kunsillier SG); u
- €6,000 għal attività għal żmien il-Milied.

75.7.3 Fjakkolata

Il-Kunsill approva li permezz ta' fondi mir-Reġjun Tramuntana, tiġi ffinanzjata Fjakkolata fuq iz-zuntier tal-Knisja, li ser tittella' minn Balzan Youths, aktar tard illum.

## 75.8 Skemi Finanzjarji

75.8.1.1 Ċirkulari Nru SPI/SCI/05/2024 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024 / 2025

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għal skema SPI/SCI/05/2024 li tinkludi d-dettalji tal-attività ta' Jum San Valentinu, li qed tiġi ppjanata li ssir nhar il-Ħadd, 16 ta' Frar 2025. Jekk l-applikazzjoni tiġi approvata, l-iskema ser tkun qed tkopri 85% tal-ispiża.

75.8.1.2 Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni. Il-Kunsill approva wkoll li jiffinanzja 15% tal-ispiża.

75.8.2.1 Ċirkulari Nru SPI/SCI/01/2024 – Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' Xogħlijiet għal żvilupp ta' *Community Gardens* fil-lokalitjiet madwar Malta u Għawdex

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għal skema SPI/SCI/01/2024 li tinkludi d-dettalji biex isir *herb garden* f'Wesgħa Ġiġi Gauci.

75.8.2.2 Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni.

75.8.3.1 Ċirkulari Nru SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa

IS-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għall-Inizjattiva Finanzjarja SPI/SCI/03/2024 biex issir *Clean-Up* tal-passaġġ ta' Triq l-Imdina.

75.8.3.2 Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni.

75.8.4 Ċirkulari Nru SPI/SCI/02/2024 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi

Fil-laqgħa li għaddiet il-Kunsill kien qabel li napplikaw biex issir produzzjoni professjonali ta' filmat informattiv dwar kif taħli inqas dawl / ilma, timmaniġġja l-iskart fid-dar, etc. Is-SE ressqet kwotazzjoni li tammonta għal €443 biex isir tali filmat. Il-Kunsill unanimament approva li ma jissottomettix l-applikazzjoni għal spiża relattivament żgħira. Kien hemm qbil li dan il-filmat isir xorta mill-fondi tal-Kunsill.

75.8.5 Għajnuna Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana – Libreriji

Ir-Reġjun qed terġa' toħroġ Skema fejn il-Kunsill jista' jibbenefika minn €2,000 biex jintużaw għal-librerija. Peress li l-librerija tagħna hija żgħira u m'hawnx aktar spazju, ser niċċekkjaw jekk nistgħux noffru kotba liż-żewġ skejjel għal-libreriji tagħhom.

75.8.6 Skema Finanzjarja - Għajnuna lill-NGOs

Għal sena oħra ir-Reġjun Tramuntana qed jerġa' joħroġ l-Skema Finanzjarja (€3,000) biex tassisti NGOs reġistrati biex jorganizzaw attivitajiet u proġetti relatati mal-komunità fil-lokalità. Ser ninfurmaw lill-Każini tal-Banda u tal-Futbol biex jekk huma interessati jibgħatulna l-proposti tagħhom sa qabel il-laqgħa li jmiss.

## 75.9 Toroq li qed / ser isiru minn Infrastructure Malta

75.9.1.1 Triq Idmejda

Is-Sindku infurma li kien hemm xi dewmin minħabba problema tad-drenaġġ tal-proġett tal-Bon Pastur u jidher li issa din il-problema ġiet solvuta. S'issa ma ġejniex infurmati b'data, però jidher li dalwaqt jibda x-xogħol ta' *scarifying* u *layering.*

75.9.2 Triq San Franġisk

Dwar il-parti ta' fuq, is-Sindku qal li jidher li kien hemm bżonn li jsir xi xogħol minn WSC, li dam aktar miż-żmien previst. Il-Kunsill ġie infurmat li mill-ġimgħa d-dieħla se jitkomplew ix-xogħlijiet fit-triq u ser jibdew ukoll l-aħħar parti ta' minn fejn l-ispiżerija sa k/m Triq it-Tabib J. Zammit.

**F'dan il-ħin (4.49pm) daħlet il-Viċi Sindku MLB għal-laqgħa.**

75.9.3.1 Triq Sisner

Il-Kunsillier SG qal li xi residenti qed jitolbu li l-Kunsill jagħmel pressjoni dwar il-mod ta' kif qed isiru l-bankini (tilajn u niżlin). Jidher li l-bankini qed isiru skond l-i*standards* li hawn fis-seħħ.

75.9.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nqabbdu perit sabiex itina parir indipendenti dwar dan.

## 75.10 Bankini ġodda fi Triq iz-Zekkuk

75.10.1 Is-SE infurmat lix-xogħlijiet bdew u s'issa jidher li mixi kollox sew.

## 75.11 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

75.11.1.1 Mons. Dun Ġwann Dimech

Dwar il-bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech propost li isir fit-*traffic island* ta' Triq il-Kannizzata k/m Triq Birbal, il-Perit infurmana li hemm bżonn applikazzjoni għall-permess DNO. Qabel ma jibda l-proċess tal-applikazzjoni jridu jiġu ppreparati l-pjanti inkluż id-dettalji tal-pilastru u l-bust biex inġibu *clearance* minn TM.

75.11.1.2 Il-Kunsill qabel li nitolbu l-Perit jindikalna d-daqs tal-bust u l-pilastru sabiex inkunu nistgħu inġibu kwotazzjonijiet u jibda l-proċess għall-permess ta' DNO.

75.11.2 Gabriel Caruana

Il-Kunsillier AG ippreżenta l-pittura mpinġija mit-tifel tiegħu, inkwadrata. Din il-pittura, li tikkommemora numru ta' pitturi mpinġija minn Gabriel Caruana, ser tkun qed teħel fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill għal darb'oħra rringrazzja lill-Kunsillier AG u lit-tifel tiegħu ta' din l-inizjattiva. Il-Kunsill ser jkun qed jiltaqa' mal-familjari ta' Gabriel Caruana sabiex jagħtu permess biex din il-pittura ssir bħala *mural* mal-ħajt ta' mal-Għassa.

## 75.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

75.12.1 Laqgħa tal-Lokalità

Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa tal-Lokalità ssir nhar il-Ħamis, 11 ta' April 2024 fis-6.00pm. Ser jintbagħat invit f'kull residenza minn ħmistax qabel.

75.12.2 Applikazzjoni għal *extended remote working*

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni tagħha biex iġġedded il-permess biex tkompli taħdem numru ta' siegħat fil-ġimgħa *remotely*. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament approva l-applikazzjoni.

75.12.3 Dawl fi Triq Idmejda

Is-SE infurmat li l-lanterni li hemm mal-ħajt tal-Melita Gardens huma mqabbdin mad-dawl tat-triq. Kien hemm xi ħsara fil-linja li ġiet irranġata mill-Enemalta plc u issa hemm 2 minn 5 lanterni li qed jixgħelu. Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' dawn il-lanterni sakemm insibu min hu s-sid tal-Melita Gardens, li preżentament jinsab magħluq. Dan sabiex ma nħallux dik il-parti tat-triq fid-dlam.

75.12.4 Dawl fi Triq B. Bontadini

Is-Sindku infurma li parti mit-triq (k/m Triq P. P. Castagna) hija mudlama. Kien hemm qbil li ninfurmaw lill-kuntrattur tal-i*street lighting* biex jagħmel spezzjoni

75.12.5 Regent Court, Triq il-Kbira k/m B'kara

Is-Sindku qal li dan l-iżvilupp xi ġranet ilu kellu permess fuq Triq il-Kbira maħruġ mill-Kunsill Lokali B'kara. Is-Sindku talab li niktbu lill-Kunsill biex ninfurmawhom biex ma jagħmlu l-ebda referenza għal Triq il-Kbira fil-permessi maħruġa fuq dan is-sit, għax bil-mod kif kien maħruġ il-permess, il-pulizija irrifjuta li jieħu azzjoni.

## 75.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

75.13.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 03/24, li tinkludi l-ammont ta' €100.01c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Frar 2024.

75.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier ONDG li kien issekondat mill-Viċi Sindku MLB. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

75.13.3 Is-Sindku astjena mill-approvazzjoni ta' pagament nru. 27 (transazzjoni nru. 144/24) peress li ndirizzat lilu.

## 75.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

75.14.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.25pm.

75.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 29 ta' April 2024 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 29 ta' April 2024.

IFFIRMATA

Dr Angelo Micallef
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv